A.L. 93 ta' l-1999

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1999 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1993 tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri) - B.E.&A. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1993 tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri) - B.E.&A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri) - B.E.&A. (Hons) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-eżamijiet li se jsiru f'Ġunju 1999 jew wara.

Emenda għar-regolamenti 5.3 u 5.4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 5.3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5.3 Il-Bord tal-Fakulta' għandu jirrakkomanda lis-Senat il-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi għal kull suġġett ta' l-eżami u għad-Dissertazzjoni u għad-Disinn għall-Proġett ta' Teżi skond ir-regolament 2 tar-Regolamenti għall-Eżamijiet ta' l-Universita'.

5.4 Il-Bord tal-Fakulta' għandu jirrakkomanda wkoll lis-Senat Bord Konġunt ta' l-Assessuri magħmul mill-membri ta' l-istaff akkademiku tal-Fakulta' kollha, bid-Dekan bħala *chairman,* li għandhom jiġbru r-riżultati ta' kull Bord ta' l-Eżaminaturi u għandhom jevalwaw il-livell globali ta' kull kandidat fit-tmiem ta' kull sena, u, fl-aħħar sena, jistabilixxu l-klassifikazzjoni tal-grad ta' kull kandidat. Matul l-aħħar sena tal-kors, l-eżaminatur barrani f'kull Fergħa għandu jkun membru addizzjonali ta' dan il-Bord.

5.5 Meta l-Bord Konġunt ta' l-Assessuri ma jkunx sodisfatt bil-livell milħuq minn xi kandidat f'xi wieħed mis-suġġetti, kemm wara semestru kif ukoll wara sena akkademika, dan jista' jeħtieġ li l-kandidat jerġa' jkun valutat permezz ta' eżami supplimentari, u/jew is-sottomissjoni mill-ġdid ta' xogħol matul il-kors, u/jew li jissodisfa xi kundizzjonijiet oħra li l-Bord jista' jimponi."

4. Ir-regolament 5.4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala 5.6.

Emenda għar-regolament 6.1 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 6.1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6.1 Kandidat ma jitħalliex ikompli għas-sena ta' wara tal-kors, jekk il-Bord Konġunt ta' l-Assessuri ma jkunx sodisfatt bil-livell ta' dak il-kandidat f'xi sena akkademika, normalment meta kandidat jeħel f'xi suġġett ta' l-eżami wara sessjoni ta' rivalutazzjoni."